MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2014

Numru. 834/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Michael Mallia)**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Mike Agius**

Magistrat Dr Josette Demicoli

29 ta' Settembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mike Agius ta' 29 sena iben Joseph u Mary nee' Lughermo imwieled Pieta' fid-29 ta' Ottubru 1982, residenti fil-fond Blokk A, Flat 1, numru 106, Triq San Nikol, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 598782(M) talli:

1. Nhar il-15 t'Awwissu 2012 fi Triq Mosta, Hal-Lija, kkommetta serq ta' oggetti u cioe' zewg laptops u I-phone minn gewwa l-fond 'Ventur Autodealer', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin kif ukoll bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Keith Grima ;

2. u akatr talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri s-somma ta' mija u sittaxi-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47), imma inqas minn elf, mija u erbgha w sittin euro u disgha w sittin centeznu (€1164.69);

3. u aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u finalment akkuzat ukoll talli kkometta reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Marzu 2010.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta′ l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li billi nbidel il-Magistrat sedenti l-partjiet fis-seduta ta′ l-4 ta′ Gunju 2014 ezentaw lil din il-Qorti milli terga′ tisma′ l-provi migbura.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat b′serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin kif ukoll bil-valur li jeccedi €232.93 izda inqas minn €2329.37; bi hsara volontarja; li huwa recediv u li kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta′ sentenza sospiza.

Illi PC1270 Antoine Zammit u PC 196 Dione Agius[1] xehdu li nhar il-15 ta′ Awwissu 2012 ghall-habta tal-hdax neqsin ghaxra ta′ filghaxija l-ghassa ta′ Birkirkara gew infurmati mill-control room li kien hemm ragel fis-sakra jsuq bl-addocc fi Triq il-Mosta, Hal-Lija u kiser lejn is-

[1] Seduta tal-21 ta' Awwissu 2012

showroom ta' Kinds. Huma marru fuq il-post u nnutaw li hdejn is-showroom ta' Kinds ma kien hemm hadd. Saret ronda intensiva u peress li kien hemm l-alarm tas-showroom ta' Ventur iddoqq il-pulizija marru jivverifikaw u sabu li kien hemm hgiega tal-genb ta' showroom li kienet imkissra u kantun hdejn il-hgiega u ftit demm mal-kantun. Daru mas-showroom u raw ragel li kellu flokk jew qmis imtella' ma' rasu u kellu zewg laptops f'idejh u kien miexi fid-direzzjoni taghha u mexa fid-direzzjoni taghhom minn gewwa s-showroom ghal barra. X'hin l-imputat resaq vicin lejhom is-surgent ghajjatlu li kienu l-pulizija u malli ghajjatlu dahal qisu go dahla. Imbaghad hareg minghajr il-laptops f'idejh u bil-flokk imnizzel. X'hin mar hdejhom l-imputat qal lis-surgent li huwa ma kien ghamel xejn. Wara li inghata l-caution u inghata d-dritt tal-avukat saret tiftixa fuqu u instab fuqu mowbajl fil-but I-phone. Dak il-hin cemplu lis-sid li mar fuq il-post u dahlu jaghmlu tiftix u sabu li l-laptops kienu ntremew go bin li kien qieghed wara x-shutter.

Il-laptops godda kienu jiswew l-ammont ta' €1489. Mix-xhieda ta' Jonathan Grima rrizulta li dawn ghadhom jintuzaw.

Illi l-versjoni ta' l-imputat meta xehed hija li dakinhar tal-15 ta' Awwissu 2012 huwa kien qieghed jahdem u xorob u ma jiftakar xejn minn dak li gara hlief li sussegwentement qam u sab ruhu fil-lock-up.

Id-difiza ta'l-imputat hija fis-sens li ghalkemm l-*actus reus* jirrizulta madankollu ma kienx hemm *mens rea* u dan in vista tal-fatt li l-imputat kien fis-sakra.

Illi din il-Qorti fl-ewwel lok tqis li l-versjoni moghtija mill-imputat mhux wahda kredibbli. Ghalkemm irrizulta li l-imputat kien xurban ma giex ippruvat li huwa kien fi stat tali li ma kienx qieghed jifhem x'kien qieghed jaghmel u li ma setax jifforma l-intenzjoni li jikkommetti reat.

Anzi l-azzjonijiet tieghu juru proprju l-kuntrarju – kisser il-hgiega tas-showroom, dahal fis-showroom ha zewg laptops u mobile u hekk kif ra lill-pulizija ipprova jehles mir-refurtiva hlief ghall-mowbajl billi ramihom f'dustbin u qalilhom li ma kien ghamel xejn u kwindi kien konxju li kien seraq.

Ghalhekk il-prosekuzzjoni ippruvat oltre d-dubbju dettat mir-raguni li l-imputat huwa hati ta' l-ewwel imputazzjoni.

Illi rrizulta wkoll mix-xhieda ta' Jonathan Grima li l-hgiega li kisser l-imputat swiet l-ammont ta' €525.10. It-tieni akkuza ghandha tigi assorbita ma' l-ewwel imputazzjoni.

Illi t-tielet akkuza ta' recediva wkoll giet debitament ippruvata billi l-prosekuzzjoni ezebiet is-sentenza relattiva fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Mike Agius' moghtija fil-15 ta' Marzu 2010.

Illi r-raba' akkuza wkoll giet ippruvata stante li s-sentenza fil-konfront ta' l-imputat li permezz taghha kien gie kkundannat sena prigunerija sospiza ghal tlett snin inghatat fil-15 ta' Marzu 2010 u r-reati kommessi mill-imputat twettqu fil-15 ta' Awwissu 2012 u kwindi fil-perjodu operattiv tas-sentenza.

Illi rrizulta wkoll li l-imputat ghandu l-problema tal-vizzju tad-droga.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qieset in-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali kif ukoll il-fatt li l-imputat inghata l-opportunita' diversi drabi biex jeghleb il-vizzju tieghu izda m'uzufruwix ruhu minn tali opportunitajiet. Huwa ghalhekk li l-Qorti tqis ukoll li s-

sentenza sospiza li inghatat fil-konfront tieghu ghandha tigi reza operattiva.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 325(1)(b), 20, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien kemm dam taht arrest preventiv. Inoltre' b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qeghda iddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza ta' sena prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-15 ta' Marzu 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------